MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Numru. 495/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN RANSLEY**
**VS**
**RYAN DEBATTISTA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ryan Debattista ta’ 21 sena, bin Glenn u Theresa nee’ Cordina mwieled Pieta’ fit- 13 ta’ Jannar 1991, residenti 124, Chaffinch, Triq il- Wied, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 73791M;

Talli f’ xi hin matul il- lejl ta’ bejn is- 6 u s- 7 ta’ Novembru 2011 gewwa 28, Triq Fleur De Lys, B’ Kara;

1) ikkommetta serq ta' laptop liema serq huwa ta' aktar minn €232.94 imma mhux izjed minn €2,329.37 ghad- detriment ta' Marco Borg u liema serq hu aggravat bil- mezz, bil- hin u bil- valur;

2) volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il- bieb tal- gallarija u ta' bieb iehor fuq gewa ta' 28 Triq Fleur De Lys, B' Kara ghad- detriment ta' Marco Borg, liema hsara hija izjed minn €116.47 imma ma jiskorrix €1,164.69;

3) ukoll talli sar recidiv ai terminu tal- Artikoli 49, 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenza mill- Qrati ta' Malta liema sentenza sare definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi bl-istess ammissjoni tal-imputat il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tieghu;

Rat illi l-addebitu tar-recidiva hija applikabbli ghal dan il-kaz taht l-Artikolu 49 tal-Kap 9, izda mhux taht l-Artikolu 50, u ghalhekk il-Qorti m'hix prekluza milli taghti piena ta' prigunerija sospiza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikolu 28 tal- Kap 217 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin ewro (€328) lil Marco Borg fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------